# Saġġ dwar "Mal-Ħmura tas-Silla" ta' Lino Spiteri

minn DANIEL MASSA

NIBDA biex ngħid li nqis in-novelli ta' *Mal-Ħmura tas-Silla* bħala friegħi li jerdgħu mill-meraq ta' l-istess siġra. Madankollu kull waħda min-novelli integra u tista' titħawwel u tgħix weħidha.

Sa qabel din il-ġabra f'kitbiet bħal *Tad-Demm u l-Laħam, Ħala taż-Żgħożija, Anatomija, Il-Ħalliel, u Rivoluzzjoni do Minore* Lino Spiteri eċċella b'novelli b'nisġa soċjo-politika f'qafas li ipokritikament isostni l-ekwità u l-ġustizzja ...

Ammiratur ta' Graham Greene, Somerset Maugham, u Jeffrey Archer, Lino Spiteri kiteb novelli intelliġenti, inċiżivi, li jevalwaw taħlita stramba ta' tjubija/ħruxija/ħażen/xi daqqiet tenerezza f'komunità politikament polarizzata jew soċjalment emarġinata.

Kemm mexa kilometri Lino Spiteri minn *Tad-Demm u l-Laħam*, 1968? Kemm tkisser iżjed Spiteri minn *Anatomija*, 1978? jew minn *Rivoluzzjoni do Minore*, 1980? X'kiteb f'*Mal-Ħmura tas-Silla* fl-1993?

Miblugħa, mnikkta, għajjiena, suwiċida ... qabel bil-minġel taqsam ras binha drogat u molestat mill-barrani, Maridor tistaqsi

> "Kif ħriġt hekk, ibni, kif għid? Għaliex dnubi ġarrek miegħu wara dan iż-żmien kollu?"

X'inhu jipprova jikkomunika f'*Mal-Ħmura tas-Silla*? Barra t-tħassir tal-morali maltin u s-sinjal ċar li l-vjolenza, il-qirda u l-mewt dejjem jaslu wara d-dnub u t-trasgressjoni x'inhu jikkomunika Lino Spiteri?

Dawk li studjaw it-teorija tal-komunikazzjoni jafu bil-famuża Johari Window ta' Joseph Luft u Harry Ingham li tintuża bħala kunċett biex jinxteħet dawl fuq il-jien. It-tieqa ta' Johari fiha erba kwadranti (miftuħ, magħluq, għami, mhux-magħruf)... li l-qies tagħhom jinbidel skond kif u kemm nagħżlu li nikxfu minna nfusna

* il-jien miftuħ, nafu jien, u tafu l-komunità
* il-jien magħluq li naf bih jien u naħbih minn kulħadd
* il-jien għami li xi wħud jafu bih iżda jien m'għandix ħjiel tiegħu
* il-jien mhux-magħruf li la jien u lanqas ħaddieħor ma jaf bih

Lino Spiteri jidher li jrid juża n-novelli biex jgħin il-protagonisti (u forsi lilna) jagħrfu lilhom infushom billi jċekknu l-kwadranti tal-jien magħluq,

għami, jew mhux-magħruf u jkabbru l-kwadrant miftuħ minni u minn kulħadd biex il-ħajja tibda tagħmel ftit iżjed sens. Biex l-istaġun ta' l-iżbalji jiqsar. Is-soluzzjoni mhux li taħbi iżda li tfittex biex issib.

Kif ifisser sewwa r-Raġel Għaref: p.29 ff.

> "Jekk ma tgħidlix x'tixtieq, ma nistax nipprova nifhmek. Jekk imqar ma nibdiex nifhmek ... ma nistax nipprova ngħinek tifhem lilek stess ... ... jekk tfisser sewwa, jekk hemm tifsira, tara... Inti trid tara... Jien kull ma nista' nagħmel hu li nipprova ngħinek biex tara ... biex issib int... ħadd ma jista' jsib ħliefek ... ... ... kultant jista' jirnexxilek tgħin lil ħaddieħor jibda' jifhem ... tista' ... U meta jiġri hekk, fit-tmiem tiegħek tibda ssib tifsira, iva ..." (p.34)

Element distintiv fl-aħjar novelli ta' *Mal-Ħmura tas-Silla* (xi wħud minnhom fihom doża awtobijografika trasformata: p.eż. *F'Dell il-Muntanja* p.91 ff), huwa l-konflitt bejn emozzjoni/ħsus personali u *issues* Nazzjonali, bħal ma huma—abbuż tal-poter, esplojtazzjoni, klijenteliżmu, tixħim, polarizzazzjoni. Dejjem dal-konflitt f'qafas ta' sens komun u raġonevolezza... L-"istory line" ippjanata qisha logħba *chess* iddisinjat teleoloġikament biex iġġorr sinifikat universali. Li tikxef il-maskra, kważi dejjem fil-privat, biex għall-waqt imqar ċkejken l-Epifanija ta' Spiteri tikxef il-kwadrant magħluq, għami jew mhux magħruf tat-tieqa msejħa Johari.

Mela, f'din il-ġabra, Lino Spiteri jevalwa sensazzjoni, ħsieb, xilja, mottiv f'qafas kważi totalment anonimu l-kultura ta' l-anonimat fejn kull individwu/karattru jagħraf/ifittex sewwa d-distinzjoni mhux biss aħna/huma li tiġi mil-polarizzazzjoni politika u l-emarġinazzjoni soċjali iżda b'iktar insistenza jiena/aħna ... kull individwu atomu mitluq għal rasu "Iħokk/u Jħokku miegħu" (Cf. L-Għabex tal-Mandarin) f'relazzjoni mhix dejjiema jew sodisfaċenti, anzi transitorja/għaddiena, ambigwa/problematika/f'qafas ta' konvenjenza li kull ma jmur m'hu konvenjenti xejn u allura m'hemmx sens ta' Solidarjetà, Fedeltà: Fedeltà Għaddiena li trid issarraf flus/favuri/voti/pjaċiri/jew pjaċir bid-dritt li meta jrid dan l-atomu jbiddel id-direzzjoni jew jiżganċa mill-ideal irrispettivament mill-iskomdu/weġgħa/tiċrita li jista' jikkawża fl-ieħor/oħra/oħrajn/fih innifsu.

U l-weġgħa, l-iskomdu, it-tiċrita timmarka l-għarfien jew il-manifestazzjoni, dik li Joyce isejħilha l-"epiphany ... the momentary sudden disclosure and manifestation of self". L-Epifanija ta' Spiteri tikxef il-kwadrant magħluq, għami jew mhux magħruf tat-tieqa msejħa Johari. Il-periferija tħares lejn iċ-ċentru u wara d-deheb, l-inċens u l-mirra ssib il-vojt u b'hekk il-jien imkabbar jinża' xi ftit mill-preżunzjoni L-Epifanija ta' Spiteri tikxef/turi l-fraġilità tal-pretensjoni u t-tirannija tal-passjoni/fanatiżmu/poter. Strateġija ppjanata qisha logħba *chess* biex fl-

aħħar tirbaħ/tegħleb il-qalba tal-belt imdawra bis-swar, strateġija ddisinjata biex iġġorr sinifikat universali permezz ta' enimmi, skoperti inkompleti, mottivi żbaljati, miżmumin flimkien b'satira, ironija u *understatement*, kelma inqas flok kelma iżjed dejjem b'raġonevolezza.

Il-karattri/individwi f'din il-ġabra ta' dsatax-il novella *Mal-Ħmura tas-Silla* jgħixu f'belt, komunità ta' konvenjenza mhux komunità ta' konvinzjoni ... (Martin Buber) il-kwadrant tat-tieqa tal-jien miftuħ huwa ċkejken, kwadrant magħluq, għami, mhux magħruf imdaqqas għalhekk Spiteri, kif tgħidilna l-qoxra tal-ktieb irid "Jinfed l-irkejjen l-iżjed moħbija", li l-protagonisti jew ma jafuhomx, jew jixtiequ jaħbuhom, biex... ir-raġuni jafuha huma.

Tant hu hekk li inizjalment Lino Spiteri donnu jrid jirrispetta x-xewqa li jinsatru, ma jħossx il-bżonn li jagħtihom isem, anzi donnu jħoss il-bżonn li ma jagħtihomx isem (eċċezzjoni biss *Ħmura tas-Silla, Ktieb ta' Żeża, u Ċensina* huma żewġ karattri b'isem/differenti).

Is-sabiħa hi li l-protagonisti ta' Spiteri bl-ebda mod ma jidhru li jħossuhom skomdi mingħajr isem allavolja dan il-fatt jista' ftit jew wisq ixellfilhom l-identità. Anzi Spiteri xi daqqiet jindika li jistgħu jħossuhom iżjed komdi mingħajr isem, lebsin il-maskra tas-soltu (Kelb Maħrub) ta' l-anonomat waqt il-passatemp favorit tagħhom li jaħarbu minnhom infushom imqar għal siegħa waħda biss kif jingħad f'*Kelb Maħrub*.

Il-persuna waħdanija mkabbra b'isimha hi l-innoċenti Żeża li qalbha tħabbat bil-ferħ meta taf li isimha se jidher fid-direttorju tat-telefon il-ġdid, "Issa, iżda, isimha se jidher x'imkien. Fid-direttorju, ikun hemm hi wkoll, Min iridha, jista' jfittixha hemm." Tħossha se tikseb identità, u allura "Tħossha vojta minn ġewwa meta taħseb li ħallewlha isimha barra:

> "Ara, Sinjur, Zammit hawn qegħdin. Imma jiena, Tereża Zammit, m'iniex hemm. Kull m'hemm Tereza mix-Xewkija. Lili ħallewni barra. Għala Sinjur? Il-kont mhux bħal ħaddieħor inħallsu jien? Ħabs qatt ma weħilt!" (p.43)

Kif tafu, kienet bi żball fittxet biss fis-sessjoni t'Għawdex, u d-deputat tad-distrett tagħha li m'hu bl-ebda mod skomdu mingħajr isem jinduna bl-iżball u ġenerożament jagħtiha d-direttorju tiegħu:

> "Hawn ara ħalli nagħtik tiegħi. F'tagħna d-deputati żgur jaraw li ma jagħmlux żbalji. U ara nann, biex ma titfixkilx, se nqegħedlek ritratt tiegħi fil-ktieb. Meta trid issib lilek, kemm tfittex hawn biss fejn qiegħed jien, imkien iżjed." [Client Politics at its best...] U l-innoċenti Żeża "Qamet biex tmur, tross il-ktieb ma sidirha niexef, wiċċha mkemmex jixgħel, għajnejha jleqqu mill-ġdid, jaduraw lid-deputat" ..."issa nerġa nivvutalek iżjed bil-qalb, jaħasra".

Importanti: B'sengħa ta' kitba u bi ħsieb profond, iktar milli jixgħel wiċċ Żeża ... Lino Spiteri jixgħel bozza qawwija li tixli/tesponi/tikxef il-Jien Għami tad-deputat bla isem, jixgħel bozza qawwija oħra fuq sitwazzjoni soċjo-politika perenni fejn l-innoċenti biex isib lilu nnifsu jrid isib "fejn qiegħed jien" i.e. l-ispazju li jippermettilu l-qaddis, il-politiku bla isem li hu stess joqgħod f'dar bla numru fi triq bla isem f'wieħed mit-tlettax-il distrett elettorali ta' Malta, jistaħba wara r-ritratt, il-maskra elettorali li jnewwel il-kostitwenti tiegħu. (Ara: Ċensina)

Żewġ daqqiet ta' pinna li jistgħu jagħtuk l-impressjoni mitfugħin malajr kemm kemm jingħarfu bħar-riċetta mgħaġġla tat-tabib iżda fihom b'sengħa inċiżiva u perċezzjoni jikxef is-sintomi tal-marda li ġriet bħal imxija fuq il-gżejjer ... u li l-politiċi mġiegħla jesplojtaw biex jgħixu/joktru politikament.

> "Meta trid issib lilek kemm tfittex hawn biss fejn qiegħed jien". F'għajnejn il-kandidat u sħabu, għalkemm isem Żeża jidher fid-Direttorju hi terġa' titlef l-identita' u ssir vot...

L-istess bħal povra Ċensina fin-novella ta' dak l-isem: Il-Kandidat waqaf f'nofs tarġa jistaqsiha: "Isma Ċens ... int taf min jien, hux veru?" U Ċensina tirrispondi, "Le, Sinjur għedtlek, ma nafx naqra. Imma tibżax nagħrfek mir-ritratt...Lilek nivvota, naħlef." Mela, anke jekk dal-kandidat jixtieq ġenwinament jgħin, għalih Ċensina hija Vot. ...u għall Ċensina hu ritratt, maskra.

L-istess bħal Ġanpawl, Konsa, u n-nies li jidhru fl-istorja msejħa *Jum il-Ministru*. L-uniku darba fejn nersqu biex il-politikant nużawlu ismu, jekk għandu (iżda huwa jassigurana li għandu!!) hija f'*Jum il-Ministru* (pp.133ff). Isejħulu Onororororororevoli, Sinjur membru tad-delegazzjoni lokali jsejjaħlu ... Onorevoli, ... Sir... Sur... u meta l-Ministru "għadu bidu" biex jinbex il-kelliem jinsisti: "Ara. sejjaħli b'ismi jekk trid;" il-membru jirrispondi: "B'ismek? *Of course not, Sir! You're the Minister...*"

Meta iżjed tard il-Ministru b'ċajta jispjega lil martu "il-Praspura ta' xi jsejħulu" (p.147), m'hemm l-ebda dubju la għal martu u lanqas għall-qarrej li l-Ministru fil-fatt realment tilef ismu jekk mhux ukoll l-identità iżjed minn Żeża tad-Direttorju. Kif huwa jara l-bnedmin bħala kostitwenti/voti hekk martu u l-kostitwenti jarawh bħala l-anonimat/maskra tar-ritratt elettorali li issa elett u magħżul siker bil-poter u allura ma baqagħlux identità, għannaq, tbewwes ma' l-anonimità, ħaddan il-maskra, li fil-privat bl-iżjed mod krudil, satiriku, u dirett tneżżgħu martu stess. Iċ-ċentru li l-periferija qieset u għadha tqis b'qawwi jinstab vojt, l'"alla modern" jiġi smaskerat sempliċement bil-bidla ta' sempliċi konsonanti: Martu tgħidlu:

> "Għal darba kont kważi onest... M'għedtlux ħażin lil dak il-miskin isejjaħlek 'Bloqq' ... imma kont tkun iżjed onest kieku għedtlu jgħidlek 'Bloqt'... Kienu jsiru jafuk kif nafek hawn jien. Qiegħda ngħid sewwa jew le?"

Xi ħadd induna li ċ-ċentru mhux talli mhux b'saħħtu biżżejjed iżda talli hi biss pretensjoni, ... u x'hemm moħbi fil-kwadrant magħluq, għami jew mhux magħruf tat-Tieqa Msejħa Johari jinkixef.

Il-Ministru ta' bla isem m'għandux risposta la għax-xilja, u lanqas għal kixfa tal-jien li hu jrid jaħbi mill-periferija, l-alla modern jispiċċa jixxaqqaq mgħattan mill-verità:

> "Telqet torqod, waqt li hu baqa' jteftef bla ma jiekol il-koxxa niexfa qoxqox ta' tiġieġa..., wiċċu qisu mgħaffeġ bla fadallu sura mqar daqsha."

Dak huwa l-ġudizzju ta' l-aħħar, it-tmiem predeterminat, il-ġudizzju li l-awtur riedu jrieġi fl-istrateġija li ddisinja sa mill-bidunett. "Jekk titlef ismek titlef ġieħek." Titgħaffeġ, titlef anke s-sura/xebh ta' bniedem. Bloqt. Tista' tmur tindifen.

X'irid li jagħmel bl-Onorevoli bla isem l-awtur? Inaqqaslu xi ftit mill-ispazju li jokkupa. Iċekknu ftit. Tant hu hekk li fl-istorja penultima, *Il-Kont*, l-Onorevoli qisu biss dell, preżenza u ma jgħidx biss kelma waħda waqt li x-xwejħa tferra' x-xmara interminabbli ta' tgergir li għandha kontra d-dipartiment ta' l-intaks.

X'irid jagħmel bl-Onorevoli bla isem l-awtur? Hawnhekk, xi ħaġa li qatt ma nagħmel, se jkolli nitkellem extra-testwalement, noħroġ barra mit-test, xi ħaġa li l-kritika letterarja ma tippermettix li nagħmlu. Iżda billi l-qoxra tal-ktieb hija wkoll parti mit-*text* se nazzarda nistaqsi: X'irid li jagħmel bl-Onorevoli bla isem "alla modern" l-awtur? Il-qoxra tal-ktieb talludi b'isimha għall-novella li fil-ktieb ma tidhirx, il-kittieb nesa' jgħaddiha lill-istampatur u t-*text* tagħha, l-*istory line*, plot, karattru, motivi ma nafuhomx. Nafu biss l-isem. L-isem biss nafu. Qabar għall-Onorevoli X'se jġagħlu jagħmel lill-Onorevoli? Iħaffer qabru hu stess? Jikkommetti suwiċidju? Ċertament se jkollu bżonn qabar adegwat għall-ispazju li okkupa f'ħajtu. Jew forsi Spiteri se juża l-aħħar ironija. ...u jogħsfru jew jirriduċih tant li l-qabar li jkun ħejja b'tant imħabba ma jkollux bżonn użah?

Nerġa, niġi għan-nuqqas ta' solidarjetà għall-fedeltà li jekk teżisti hi għaddiena u ambigwa. Dan narawh speċifikament mhux biss fin-novelli politiċi bħal Il-*Kandidat Prospettiv*, F'*Dell il-Muntanja*, *Id f'Id*, *Xkupa Ġdida*, u *Għabex il-Mandarin* iżda wkoll f'novelli intimi bħal kelb maħrub, tkaxkir u f'*Ġenna ġdida* fejn il-mara titlaq ma' ħaddieħor biex tfittex il-paradoss "ġenna ġdida fl-infern",

F'*Jum il-Ministru*—il-mara ma titlaqx iżda l-kumment satiriku li jgħattan tagħha jindika li ilha li telqet emozzjonalment.

L-iskomdu, weġgħa, qasma fil-jien jeżistu fin-novella *Mal-Ħmura tas-Silla* u li jistħoqqilha wisq iżjed minn *paper* għaliha biss. Iżda l-qasma u t-tiċrita jeżistu kważi f'kull novella ta' Spiteri... Għaliex f'komunità xi daqqiet sadista

milquta minn imxija ta' materjaliżmu li jħassar lil min jagħti u lil min jieħu l-awtur b'mogħdrija qarsa jew l-ironija ta' l-aċċettazzjoni jeżamina l-mottivi u l-ħsus fil-kwadrant moħbi jew għami. Kif? Spiteri appuntu joħloq *personae* narrativi/maskri/vuċijiet bla isem li direttament jaħtfu l-qarrej minn sidru u jġegħluh jisma' u jinduna bit-tiċrita, il-qasma antitetika jien/l-oħrajn u drabi bejn jien/jien—Din il-Qasma tmexxi lejn il-kontradizzjoni (eż. Fid-Dell tal-Muntanja) ix-xilja falza (eż. Il-Passiġġier) Il-Karba tat-Telfa lil-Fanatiżmu (eż. Omm l-Azzarin) Il-Karba tat-Telfa lit-taħsir/transgressjoni morali (eż. Mal-Ħmura tas-Silla) Il-Karba tat-Telfa lin-nuqqas ta' Għarfien tal-Bżonnijiet ta' l-oħrajn (eż. Tkaxkir) Il-Karba ta' dak li tard wisq jasal biex jifhem lilu nnifsu (eż. Il-Karba tal-*Hyena*) Il-Karba ta' Karattri maqbudin fi traġedja individwali ta' falliment ta' komunikazzjoni interpersonali li matul ħajjithom jiżgura nuqqas ta' sikurezza u doża insistenti ta' *Malaise* li twassal lejn l-ammissjoni tat-telfa aħħarija: bħal eż. fi *Tkaxkir*:

> "Doqqli ħanini..." lissen bla ma jinstema'.
> F'ruħu magħluba, sema' biss saqajh. Kundanna tkaxkru...

bħal eż. f' Il-Karba tal-*Hyena*"

> Il-karba tal-*hyena* ... b'leħen iktar mitfi, nieqes minn kull tama, kompla jlissen lilu nnifsu...
> iċċarratli s-sliem ... U ra li dak li sieħbu għarrfu bih il-bieraħ, ruħu ġewwa fiha kienet ilha tafu, ilha trid tgħidulu.

Kważi kull novella ta' Spiteri ibda minn *Mal-Ħmura tas-Silla* tagħtik sens ta' telfa jew ħala. Iċ-ċentru li jorganizza jew jorganizza l-ġrajja maqbud f'enimma li tiżviluppa permezz ta' faxx simboli li jimplikaw *malaise* u jwasslu fl-aħħar għall-ammissjoni tat-telfa jew qirda. U din it-telfa, dan it-tmiem kien konxjament/inkonxjament irieġi l-ħsibijiet, tixbih, simboli, u struttura ta' l-awtur. Verament "a Sense of an Ending" irieġi l-ġisem bla isem magħżul bħala vittma espijatorja minn Lino Spiteri.

Paradossalment, b'eċċezzjoni waħda... *L-Għabex tal-Mandarin* li jekk miniex sejjer imqarraq hija l-iżjed novella b'bażi awtobijografika. Għedt paradossalment, għaliex it-titolu jindika tmiem, telfa, diżappunt, tradiment, telfien tas-setgħa, tiċrit...L-Għabex... Paradossalment għaliex is-sens ta' telfa jinbidel permezz tal-fehma u determinazzjoni żagħżugħa f'sens ta' ferħ u sejbien ta' jien ħieles:

"Qabel Mandarin għamlitek is-setgħa. Illum int Mandarin għal dak li għaddejt minnu, għal dak li daħal fik. Ara minn kemm għaddejt, sew tajjeb u kemm ħażin, tul das-snin kollha tħakkek u jħokku miegħek."

Hekk li l-Mandarin imġarrab hu konvint li fit-telfa sab l-għożża, fil-ftuħ tal-kwadrant tat-Tieqa Johari sab is-serħ u l-ħelsien:

"Daż-żagħżugħ xwejjaħ tiegħi, ukoll, qallu maħnuq, "Dan l-għerf kollu mnejn ġibtu?"

"X'tistenna minn iben mandarin?", wieġbu l-ġuvni ferħan.

U jien fl-aħħar ngħid x'tistenna minn Lino Spiteri?